**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-10 ta' Diċembru 2009**

**dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2010**

***(BĊE/2009/25)***

(2010/14/UE)

(ĠU L 7, 12.1.2010, p. 21)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċizjoni tal-Bank BĊE/2010/32 Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Diċembru 2010 | L 343 | 78 | 29.12.2010 |

▼B

**DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tal-10 ta' Diċembru 2009**

**dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2010**

***(BĊE/2009/25)***

(2010/14/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, partikolarment l-Artikolu 128(2),

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklużiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa '1 quddiem "l-Istati Membri parteċipanti").

(2) L-Istati Membri parteċipanti ppreżentaw għall-approvazzjoni tal-BĊE l-estimi tagħhom tal-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu fl-2010, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija ta' tbassir,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni tal-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu fl-2010**

Il-BĊE japprova l-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri parteċipanti fl-2010 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

▼M1

*(f'miljuni EUR)*

| | Ħruġ ta' muniti intiżi għaċ-ċirkolazzjoni u ħruġ ta' muniti għall-kolletturi (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2010 |
|---|---|
| Belġju | 125,2 |
| Il-Ġermanja | 668,0 |
| L-Irlanda | 43,0 |
| Il-Greċja | 55,0 |
| Spanja | 210,0 |
| Franza | 290,0 |
| L-Italja | 283,0 |
| Ċipru | 18,1 |
| Il-Lussemburgu | 40,0 |

▼**M1**

| | Ħruġ ta' muniti intiżi għaċ-ċirkolazzjoni u ħruġ ta' muniti għall-kolletturi (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2010 |
|---|---|
| Malta | 10,5 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 54,0 |
| L-Awstrija | 306,0 |
| Il-Portugall | 50,0 |
| Is-Slovenja | 30,0 |
| Is-Slovakja | 62,0 |
| Il-Finlandja | 60,0 |

▼**B**

*Artikolu 2*

**Disposizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri parteċipanti.